# DEĊIŻJONIJIET TAL-QRATI SUPERJURI TA' MALTA

## L-EWWEL PARTI QORTI KOSTITUZZJONALI

**22 ta' Jannar, 1990**

**Imħallfin: –**

**Joseph A. Herrera Bl. Can., Lic.Can., LL.D. – Aġent President**
**Prof. Wallace Ph. Gulia LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin) (Manch) D.P.A., (Lond)**
**Onor. Carmelo A. Agius *B.A., LL.D.***

Avv. Dr. Louis Galea *noe et*

*versus*

Il-Kummissarju tal-Pulizija *et*

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem - Libertà ta' Espressjoni - Diskriminazzjoni - Estetika - Ministru - Ordni - Legalità - Kostituzzjoni**

*Kawża dwar il-kostituzzjonalità ta' ordni mogħti mill-kummissarju tal-Pulizija u l-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport għat-tneħħija ta' "electronic broadcaster" li kien ġie mwaħħal fuq il-lokal ta' każin politiku. Ir-rikorrenti allegaw li tali ordni kien jivvolja l-libertà ta' espressjoni tagħhom u kien diskriminatorju fil-konfront tagħhom. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti. Il-Qorti Kostituzzjonali laqgħet l-appell tar-rikorrent u rrevokat is-sentenza appellata.*

*Il-Qorti rriteniet li t-twaħħil ta' electronic broadcaster'' ma jinkwadrax ruħu fil-kliem tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 87 bħala reklam esponut u reklam imwaqqaf. Għalhekk l-ordni maħruġ mill-Ministru taħt dak l-artikolu kien wieħed illegali, u kwindi, billi l-Ministru ma kienx, allura, qiegħed jaġixxi b'saħħa ta' liġi, kien in vjolazzjoni ta' l-art. 45 tal-Kostituzzjoni.*

*Inoltre l-fatt li l-awtoritajiet ippermettew lill-każini ta' partit ieħor jesponu reklami simili mingħajr permess waqt li ma ppermettewx lir-rikorrenti jwaħħlu fuq il-każin tagħhom l-''electronic broadcaster'' tikkostitwixxi diskriminazzjoni projbita. Diskriminazzjoni tikkonsisti fl-għemil ta' distinzjoni fir-rigward ta' persuna, liema distinzjoni ma jkollix bażi fir-raġuni u fil-fatt oġġettiv.*

Il-Qorti: – Rat ir-rikors promotorju tal-ġudizzju ppreżentat fl-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fil-15 ta' Settembru, 1981, li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew:

1. Illi riċentement fuq l-imsemmi ''Ċirkolu Enrico Mizzi'' ġie espost ''*Electronic Broadcaster*'' għax-Xandir ta' l-aħbarijiet;

2. Illi fl-4 ta' Settembru, 1981, l-intimati nnotifikaw l-annessi avviżi (Dok. A u B) lill-esponenti, u interpellawhom biex ineħħu fi żmien għaxart ijiem ''ir-reklam sponut u l-istikkat imwaqqaf'' fuq il-bejt ta' l-imsemmi każin, u dan skond l-artikolu 13 ta' l-Ordinanza dwar l-Estetika tal-Bini;

3. Illi skond l-imsemmi artikolu 13, jekk l-esponenti ma jobdux l-ordni mogħti skond l-Artikolu, l-intimati jew min minnhom jistgħu jidħlu u jneħħu kull reklam u stakkat li huwa in kontravenzjoni tal-liġi;

4. Illi huma ppruvaw jottjenu mandat ta' inibizzjoni biex iżommu lill-initmati milli jneħħu dan l-"*Electronic News Broadcaster*", imma dina l-Qorti b'digriet tal-lum, ċaħdet it-talba;

5. Illi skond il-liġi l-ġdida din iċ-ċaħda tal-mandat ta' inibizzjoni ma tistax tiġi mpunjata b'ċitazzjoni, jekk mhux wara għaxart ijiem minn mindu l-intimati jiġu notifikati b'ittra uffiċjali;

6. Illi sadanittant iż-żmien mogħti mill-intimat ser jiskadi llum f'nofs il-lejl, u għalhekk dan in-"*News Broadcaster*" jista' jiġi mneħħi minn mument għall-ieħor;

7. Illi dan l-ordni ta' l-intimati jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-Kostituzzjoni ċjoè libertà ta' l-espressjoni, u nuqqas ta' diskriminazzjoni għal motivi politiċi;

Talbu lil dik l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti dawk l-ordnijiet u direzzjonijiet li jidhrilha xierqa biex twettaq jew tassigura t-twettiq tad-disposizzjoni fuq imsemmija, fosthom li tiddikjara null u ksur tal-Kostituzzjoni l-imsemmi ordni tal-intimati tal-4 ta' Settembru, 1981, u li timpedihom milli b'xi mod iwettqu dak l-Ordni tagħhom jew jostakolaw lill-esponenti milli jxandru l-aħbarijiet mill-imsemmi "*Broadcaster*" -Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta tal-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Ministru tax-xogħlijiet u Sport, li biha eċċipew bir-rispett:

1. Illi l-ordni maħrub mill-esponenti Ministru tax-

Xogħlijiet u Sport għat-tenur ta' l-artikolu 12 ta' l-Ordinanza dwar l-Estetika tal-Bini (Kap. 135) ħareġ validament, kif inhu konfermat mid-digriet ta' din il-Qorti mogħti fl-14 ta' Settembru, 1981, fl-ismijiet identiċi għal dawk tar-rikors preżenti fejn ġie sostenut dak l-ordni u ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex l-esponenti ma jagħtux lok għall-esekuzzjoni ta' dak l-ordni kif provvist fl-istess artikolu 13 tal-Kap. 135, u għalhekk dak l-ordni ma jistax jiġi kkonsidrat li jikser xi drittijiet fundamentali tal-bniedem bħalma jallegaw ir-rikorrenti li jivvolja l-artikolu 42 u 46 tal-Kostituzzjoni, u huwa ċar illi kontra t-twettiq ta' l-Ordinanza mhumiex ammessi preġudizzjali bħal dawk allegati mir-rikorrenti ta' nuqqas ta' libertà ta' l-espressjoni jew diskriminazzjoni għal motivi politiċi billi m'hemm ebda ness jew relazzjoni ta' rabta bejn l-ordni mpunjat u dik l-allegazzjoni ta' ksur kostituzzjonali kif jidher ċar miċ-ċirkostanzi illi kieku r-rikorrenti ottemperaw ruħhom mal-Ordinanza ma kienx ikun hemm lok għal dak l-ordni mingħajr invokazzjoni ta' ebda dritt kostituzzjonali; inoltre, l-istess ordni lanqas ma jista' jkun kuntrarju għall-kostituzzjoni billi huwa provdut b'liġi li fit-termini tal-artikolu 42 hija raġonevolment meħtieġa fl-interess ta' l-Ordni pubbliku jew għall-iskop ta' protezzjoni ta' drittijiet ta' oħrajn u fi kwalunkwe każ, mhix qed tiġi mpunjata bħala anti-Kostituzzjonali u għalhekk għandu jkollu applikazzjoni u effett sħiħ taħt il-Kostituzzjoni, u li mhux kontra l-artikolu 46 għaliex ma hemmx fiha kontemplat li topera b'xi distinzjoni bejn ċittadin, biex jista' jingħad li hija diskriminatorja jew tista' tagħti lok għal diskriminazzjoni bi vjolazzjoni ta' dak l-Artikolu;

2. Illi taħt kull aspett m'hemmx bażi biex ir-rikorrenti jottjeni minn din l-Onorabbli Qorti r-rimedji Kostituzzjonali li

huma jippretendu, u għalhekk id-domanda tagħhom għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla tat-22 ta' Ottubru, 1981, li biha laqgħet it-talba tar-rikorrenti fis-sens li l-Ordni kien ivvolja l-libertà ta' l-espressjoni tar-rikorrenti; u ddikjarat li allura ma kienx meħtieġ li teżamina wkoll jekk kienx ukoll diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti għall-motivi politiċi;

Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-20 ta' Jannar, 1982, li biha laqgħet l-appell ta' l-intimati, irrevokat is-sentenza msemmija ta' l-ewwel Qorti u rrinvjat l-atti mill-ġdid quddiem dik il-Qorti għall-kontinwazzjoni u eventwali deċiżjoni fir-rigward ta' l-allegati ksur ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-ismijiet premessi fil-15 ta' Frar, 1982 li biha ddeċidiet il-kawża billi ddikjarat li l-ordni tal-Ministru tax-Xogħolijiet u Sport, imsemmi fir-rikors u n-notifika tal-Kummissarju tal-Pulizija għalih konsegwenzjali, ma kinux diskriminatorji fil-konfront tar-rikorrenti, u kwindi ma jivvjolawx l-artikolu 46 tal-kostituzzjoni u għalhekk tiċħad it-talba;

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa, u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej u ċjoè:

Illi l-kontenut ta' l-Ordni mpunjat u l-fatti li taw lok għar-rikors odjern diġà jinsabu esposti **in extenso** fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' Ottubru, 1981, u riprodotti mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha; u billi f'dan l-istadju

ma nġiebu ebda provi ġodda m'hemm xejn x'jiġi miżjud ma' dawk il-fatti. Issir riferenza għalihom biex jiġu evitati ripetizzjonijiet;

Illi dwar l-allegata diskriminazzjoni huwa ovvju li r-rikorrenti qed jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 46. Dan is-subartikolu jipprovdi li ħadd ma għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika. Għal dan l-iskop l-espressjoni diskriminatorju hija definita fis-subartikolu li jmiss bħala "għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur jew fidi li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux soġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn";

Illi m'hemmx dubbju li l-Ordni in kwistjoni, kunsidrati ċ-ċirkustanzi prevalenti fiż-żmien li nħareġ, **sar konformement mad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Estetika tal-Bini** (Kap. 135 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-regolamenti magħmula taħtha bl-Avviż tal-Gvern numru 441 tas-sena 1935, u li fih innifsu ma jmurx kontra l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Però r-rikorrenti jippretendu li, anki f'każ li l-apparat in kwistjoni kellu jitqies bħala reklam, ma nħarġux ordnijiet simili lil persuni jew korpi oħrajn, u jsemmu b'mod partikulari l-każini tal-*Malta Labour Party* fil-Belt u postijiet oħrajn, li kellhom fl-istess żmien

diversi kartelluni mdendla mal-gallerijiet jew il-faċċati tagħhom biex jirrreklamaw avvenimenti tal-partit. Konsegwentement l-aġir ta' l-intimati jiġi li lilhom ittrattahom b'mod differenti minn persuni jew korpi morali oħrajn, u bl-esekuzzjoni ta' l-istess Ordni jiġu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni oħra msemmija ma jkunux suġġetti għalihom, jew dawn ta' l-aħħar ikunu ġew mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma ġewx ukoll mogħtija lilhom (i.e. lir-rikorrenti); u in oltre dan it-trattament diskriminatorju magħhom huwa dovut minħabba l-opinjonijiet politiċi li jħaddnu;

Illi fis-sentenza tagħha fil-kawża "Edward Vassallo et vs. Kummissarju tal-Pulizija" (16 ta' Awissu, 1976), il-Qorti Kostituzzjonali rriferiet għall-każ dwar l-użu tal-lingwi fl-edukazzjoni fil-Belġju deċiż mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-23 ta' Lulju, 1968, u qalet hekk: "Mhux kull differenzazzjoni jew diżugwaljanza ta' trattament hi per se diskriminazzjoni entro l-projbizzjoni ta' l-imsemmi artikolu 46. Din il-proposizzjoni, fiha nnifisha ovvja u indubitabbli, ġiet fil-fatt kunsidrata mill-Qorti ta' l-Ewropa tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-dawl ta' differenza testwali fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn it-test Franċiż hemm użati l-kliem "*sans distinction aucune*" u fit-test Ingliż "*without discrimination*", u dak it-tribunal internazzjonali qal hekk: "*In spite of the very general wording of the French version ("sans distinction aucune"), article 14 does not forbid every difference in treatment in the exercise of the right and freedoms recognised (kif hu magħruf fil-Konvenzjoni Ewropeja l-projbizzjoni ta'* diskriminazzjoni hi riferita biss għat-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet rikonoxxuti fl-istess Konvenzjoni). *This version must be read in the light of the more restrictive text of the English*

*version ("without discrimination"). In addition, and in particular, one would reach absurd results were one to give to article 14 an interpretation as wide as that which the French version seems to imply. One would, in effect, be led to judge as contrary to the Convention every one of the many legal or administrative provisions which do not secure to everyone complete quality of treatment in the enjoyment of the right and freedoms recognised".* Dan hu konformi ma' l-interpretazzjoni ta' diskriminazzjoni mogħtija anki minn diversi tribunali nazzjonali li ċjoè l-konċett ta' l-ugwaljanza ta' trattament ma jistax jiġi ntiż fis-sens assolut jew aritmetiku divorzjat miċ-ċirkustanzi u kundizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qiegħda tiġi eżaminata ........ Differenzazzjoni però biex tkun leġittima trid **tirpoża fuq bażi objettiva u raġonevoli,** u jrid ikun hemm rapport raġonevoli ta' proporzjonalità bejn il-mezzi impjegati u l-iskop viżwalizzat";

Illi referibilment għall-każ odjern l-element posittiv tal-lanjanza tar-rikorrenti (li huma ġew mitluba jneħħu l-apparat in kwistjoni fuq il-pretest li huwa reklam jew stekkat) ma jistax jitqies waħdu u divorzjat mill-element negattiv tal-lanjanza (li ħaddieħor li żamm reklami esposti ma ġiex mitlub jagħmel l-istess ħaġa), għax kull diskriminazzjoni timporta żewġ elementi u ċjoè li l-lanjant ma ġiex trattat b'ċertu mod waqt li ħaddieħor **fl-istess ċirkustanzi** (in pari conditione) ġie; jew li hu ġie trattat b'ċertu mod waqt li ħaddieħor **fl-istess ċirkustanzi** ma ġiex. Fi kliem ieħor irid isir paragun bejn l-iżvantaġġjat u l-ivvantaġġjat fuq terren ta' ċirkustanzi parti;

Illi kif irriteniet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Ottubru, 1981, l-apparat in kwistjoni mwaħħal fuq il-bejt tal-

Każin Nazzjonalista f'Misraħ ir-Repubblika, l-Belt, u li għalih jirreferi l-Ordni mpunjat, kien jaqa', tenut kont taċ-ċirkustanzi prevalenti dakinhar (għaliex dawn il-lum tbiddlu fis-sens li l-apparat m'għadux jintuża għar-reklami) taħt id-definizzjoni **tal-kelma "reklam" għall-iskop tal-Kap. 135 u r-Regolamenti magħmulin taħtu bil-Government Notice 441 / 1935.** Irriżulta wkoll li fl-istess żmien diversi każini tal-*Malta Labour Party*, kompriżi dawk tal-Belt, il-Floriana, il-Hamrun, St.Venera, l-Imsida u San Ġiljan, kienu jżommu kartelluni b'reklami mdendla – *fis-sens li jirreklamaw xi avvenimenti tal-partit jew attivitajiet* soċjali u ta' divertiment organizzati minnu - u li dawn qatt ma ġew mitluba mill-awtoritajiet biex ineħħu l-istess kartelluni. Din bażikament hija r-raġuni li ġagħlet lir-rikorrenti jinvokaw favur tagħhom l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni;

Illi però anki kienu wieħed kellu jammetti li l-kartelluni mdendla mal-każini tal-Partit Laburista kellhom jiġu meqjusa bħala li jidħlu fid-definizzjoni ta' reklam jew stekkat, "għall-fini ta' l-Ordinanza msemmija u r-regolamenti magħmula taħtha", xorta waħda jibqa' fatt li ż-żewġ persuni, jew aħjar korpi, mhumiex **fl-istess ċirkustanzi** fil-kuntest ta' dak li ntqal hawn fuq. Infatti, fil-waqt li l-postijiet fejn huma sitwati l-każini Laburisti msemmija jistgħu jiġu esposti reklami (sebbene bil-premess tal-Bord), Misraħ ir-Reppubblika hija magħduda ma' dawk l-inħawi msemmija fir-Regolament numru 3 ta' l-Avviż tal-Gvern numru 441, tas-sena 1935, fejn il-projbizzjoni ta' l-*esposizzjoni ta' reklami hija projbita b'mod assolut*, *tant* li l-Bord ta' l-Estetika huwa awtorizzat milli joħroġ permessi għall-esposizzjoni ta' reklami f'dawk l-inħawi;

Illi mill-premess jitnissel: (1) li l-iżvantaġġjat u l-ivvantaġġjat

f'dan il-każ mhumiex sitwati fl-istess lokalità kolpita bl-istess disposizzjoni tal-liġi; (2) li bl-aġir tagħhom l-intimati mhumiex qegħdin jissoġġettaw lir-rikorrenti għal xi inkapaċità jew restrizzjoni li għalihom persuni oħra fl-istess Ordni jagħtu xi vantaġġ lil ħaddieħor li qed jiġi miċħud lilhom fl-istess ċirkustanzi;

Għaldaqstant, l-Ordni tal-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, hawn fuq imsemmi, ma jivvjolax, *rebus sic stantibus* fiż-żmien li sar, l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta;

Illi d-difensur tar-rikorrenti ssottometta wkoll li ġa la darba l-apparat in kwistjoni ġie ritenut bħala entranti d-definizzjoni tal-kelma reklam, u din id-definizzjoni tinsab biss fir-Regolamenti maħruġa taħt l-Ordinanza dwar l-Estetika tal-Bini, il-Ministru ma setax jieħu azzjoni taħt l-imsemmija Ordinanza imma seta' se mai jieħu azzjoni taħt ir-Regolamenti, fis-sens naturalment taħt l-artikolu 14 ta' l-Ordinanza li jirreferi għall-kontravenzjonijiet tar-Regolamenti, u mhux taħt l-artikolu 13. Il-Qorti ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni, għaliex l-artikolu 13 jikkontempla mhux biss it-tneħħija ta' l-istekkati, imma anki ta' reklami. Kwindi l-awtorità Eżekuttiva kellha x-xelta li taġixxi jew taħt l-artikolu 14 ta' l-Ordinanza msemmija (Kap. 135);

Fl-aħħarnett il-Qorti tħoss li għandha tagħmilha ċara li din id-deċiżjoni hija bażata fuq il-presuppost li l-apparat li għalih jirreferi l-Ordni mpunjat, ġie kostruwit minnha bħala entranti l-kelma "reklam" għall-iskop ta' l-Avviż tal-Gvern numru 441 tas-sena 1935, sempliċiment minħabba xandir jew użu, sebbene limitat ħafna (ir-reklamar tal-gazzetta organu tal-Partit

Nazzjonalista li sar minn fuqu jew permezz tiegħu fiż-żmien li ħarġet l-Ordni. Illum dan l-użu ġie mwaqqaf għal kollox (ġie mwaqqaf minn dakinhar stess li din il-Qorti ddikjarat dan), u mhux qed *isir iżjed reklam, almenu d-dikjarazzjoni u* x-xiehda tas-Segretarju tal-Partit f'dan is-sens ma ġietx kontradetta. Għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tirrikmanda li d-deċiżjoni kontenuta fl-Ordni tiġi kunsidrata mill-Awtorità Eżekuttiva f'dan id-dawl;

Rat ir-rikors ta' l-appell tar-rikorrenti ppreżentat fid-19 ta' Frar, 1982 li bih talab lil din il-Qorti biex prevja li tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fl-ismijiet premessi fil-15 ta' Frar, 1982, tilqa' r-rikors tagħhom fil-parti mhux deċiża definittivament. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati;

Rat id-dokumenti esibiti ma' l-imsemmi rikors ta' l-appell tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta ta' l-appellati ppreżentata fit-23 ta' Frar, 1982;

Rat l-atti kollha opportuni u rilevanti;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Frar, 1982, l-ewwel Qorti kienet qalet li l-artikolu 13 tal-Kap. 135 (illum 87) jikkontempla mhux biss it-tneħħija ta' l-istekkati imma anki tar-reklami u l-

Awtorità kellha xelta li taġixxi jew taħt l-artikolu 13 jew taħt l-artikolu 14 ta' l-Ordinanza ta' l-estetika tal-Bini. L-istess qorti kkonkludiet ukoll li anki kieku l-kartelluni mdendla mal-każini tal-Partit Laburista kellhom jiġu meqjusa li jidħlu fid-definizzjoni ta' reklam jew stekkat għall-fini ta' l-Ordinanza dwar l-Estetika, xorta waħda kien jibqa' l-fatt li ċ-ċirkostanzi li jirrigwardaw liż-żewġ partiti ma kinux l-istess. In fatti fil-lokal fejn twaħħal l-apparat tar-rikorrenti teżisti projbizzjoni assoluta ta' tali riklami waqt li fil-lokal ta' fejn twaħħlu l-kartelluni ta' l-oħrajn, il-pożizzjoni kienet differenti. L-ewwel Qorti għalhekk ikkonkludiet li l-ordni tal-Minsitru tax-Xogħolijiet u Sport imsemmi fir-rikors u n-notifika tal-Kummissarju tal-Pulizija ma kinux diskriminatorji fil-konfront tar-rikorrenti u kwindi ma jivvjolawx l-artikolu 46 (illum 45) tal-Kostituzzjoni;

Illi l-aggravju ta' l-appellanti jikkonsisti fil-fatt li fil-fehma tagħhom, l-ewwel Qorti applikat "*ex officio*" ħażin id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 46 (illum 45) tal-Kostituzzjoni. Huma qegħdin jilmentaw mit-tliet konklużjonijiet raġġunti mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Huma jissottomettu: a) li l-Ordni tal-Ministru maħruġ taħt l-artikolu 13 ta' l-Ordinanza ta' l-Estetika hija llegali billi din ma hix l-"enabling provision" applikabbli, b) li l-kwistjoni tal-"projbizzjoni assoluta" ta' l-esibizzjoni tar-reklami fi Pjazza Teżorerija hija totalment irrilevanti billi l-kawża hija dwar li reklami bla permess huma tollerati mill-Ministru fil-każini laburisti iżda puniti fil-każin ta' l-Opożizzjoni u ċ) li anki kieku wieħed kellu jaċċetta bħala korrett dak l-argument ta' l-ewwel Qorti, xorta jidher li ntużat diskriminazzjoni magħhom u dan minħabba t-twemmin politiku tagħhom;

Illi l-kwistjoni kollha tirrigwarda l-"*electronic Broadcaster*" li r-rikorrenti kienu waħħlu fuq il-każin tagħhom "Ċirkolu Enrico Mizzi" fi Pjazza Teżorerija, Valletta. Fl-4 ta' Settembru, 1981, huma ġew notifikati b'ordni tal-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport biex ineħħu fi żmien għaxart ijiem "ir-reklam sponut u stekkat imwaqqaf" fuq il-bejt ta' l-imsemmi każin u dan ai termini ta' l-artikolu 13 ta' l-Ordinanza dwar l-estetika tal-Bini. F'din l-Ordinanza hemm żewġ artikoli li jirrigwardaw il-kontroll ta' tqegħid ta' reklami u stekkati fuq Bini u dawn huma l-artikoli 13 u 14 ta' l-istess. Issa l-artikolu 13 jagħti s-setgħa lill-Ministru li jordna t-tneħħija ta' reklami waqt li l-artikolu 14 jagħti setgħa lill-Ministru konċernat li jagħmel regolamenti dwar l-esibizzjoni ta' reklami;

Minn eżami ta' l-Ordni in kwistjoni jidher li din kienet ħarġet *taħt l-artikolu 13 ta' l-Ordinanza dwar l-Estetika tal-Bini*. Dan l-artikolu jsemmi s-setgħa li għandu l-Ministru li jordna t-tneħħija ta' "reklam sponut jew stekkat imwaqqaf" jekk jidhirlu li dan kien qiegħed iħassar serjament l-area tal-inħawi. In fatti fl-istess ordni hemm riferenza speċifika għal dan l-artikolu. Issa l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Ottubru, 1981 jidher li kienet daħlet fil-fond sew fl-indaġini li għamlet biex tistabbilixxi f'hiex kien jikkonsisti d-"*display face*" ta' l-apparat "*de quo*"u jekk dan għandux jaqa' taħt it-tifsira ta' stekkat. Fuq l-eżami li għamlet, l-istess Qorti kkonkludiet li l-apparat "*de quo*" ma kienx jaqa' taħt dak li jissejjaħ stekkat imwaqqaf u qalet li dan l-apparat jidher li jinkwadra ruħhu fid-definizzjoni tal-kelma reklam u preċiżament bil-kliem "kull mezz ieħor użat sabiex iservi ta' avviż jew reklam ta' negozju jew manifattura ta' prodott (G.N. 441/34). Din il-Qorti wara li segwiet attentament ir-raġunament ta' l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward, ma tarax li

għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni raġġunta minnha fuq hekk. Kwindi jidher li l-apparat in kwistjoni ma jinkwadrax ruħu f'dak li l-artikolu 13 fuq ċitat, imsemmi bħawla reklam sponut u reklam imwaqqaf;

Minn dan joħroġ għalhekk li l-ordni in kwistjoni ġiet maħruġa illegalment billi dak li l-Ministru bl-ordni "*de quo*" ried iġiegħel lir-rikorrenti jneħħu, ma kienx wieħed mill-oġġetti msemmija fl-artikolu 13 li taħtu l-istess Ministru kien aġixxa. Għalhekk f'dan il-każ ma jistax jingħad li l-Ministru fil-ħruġ ta' l-ordni *de quo* kien qiegħed jaġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba kif imsemmi l-artikolu 46 (illum 45) tal-Kostituzzjoni, u għalhekk jidher li dan l-ilment ta' l-appellanti huwa ġustifikat;

Illi t-tieni ilment ta' l-appellanti jirrigwarda l-konklużjonijiet ta' l-ewwel Qorti li ż-żewġ partiti ma kinux fl-istess ċirkostanzi billi fil-lokal fejn twaħħlu r-reklam u apparat tar-rikorrenti hemm projbizzjoni assoluta. In fatti skond l-artikolu 3 tal-**Government Notice** Nru. 441/35, Pjazza Teżorerija hija ndikata bħala waħda mil-lokalitajiet li fihom ebda permess ma jista' jingħata mill-Bord ta' l-Estetika għal xi avviżi permanenti. L-appellanti f'dan ir-rigward jissottomettu li l-kwistjoni tal-projbizzjoni assoluta hija għal kollox irrilevanti, billi l-kawża hija dwar il-fatt li reklami bla permessi ġew tollerati mill-Ministru fil-każini laburisti waqt li l-istess reklami ġew puniti fil-każini tagħhom. In fatti huma jissottomettu li, kieku l-kawża kienet dwar diskriminazzjoni dwar l-għoti ta' permess, il-kwistjoni tal-projbizzjoni kienet tkun rilevanti;

Issa skond l-artikolu 2 tal-*Government Notice* Nru. 441 / 35 "barra minn dawk il-provvedimenti l-oħra li hemm f'dawn ir-

regolamenti ebda avviż permanenti ta' ebda xorta ma għandu jiġi sponut ............... *omissis* .................... mingħajr il-permess tal-Bord li jagħti l-ordnijiet għal dak li hu għoli, qisien u dettalji oħra dwar l-avviż''. Dan ifisser li biex jitwaħħal kwalunkwe reklam mal-faċċjata ta' xi bini jrid ikun hemm il-permess relattiv mill-fuq imsemmi Bord. F'ċerti lokalitajiet però hemm projbizzjoni assoluta għall-ħruġ ta' permessi ta' reklamar. L-appellanti mhux qegħdin isostnu jew jippretendu li kellu jingħatalhom permess biex ikunu jistgħu jpoġġu u jżommu l-apparat ''*de quo*''. Huma qegħdin isostnu li diversi każini tal-partit oppost kellhom fuq il-faċċjata, reklami simili bla permessi u ebda passi ma ttieħdu mill-Awtorità konċernata kontrihom. Bl-avviżi tagħhom dawn kienu jirreklamaw xi avvenimenti kemm ta' attivitajiet tal-partit politiku tagħhom kif ukoll xi attivitajiet soċjali. Xehdu diversi uffiċjali tal-partit oppost għal dak tar-rikorrenti li qalu li kienu għamlu hekk regolarment u li qatt ħadd ma kien waqqafhom. Dwar dan l-istat ta' fatt ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni min-naħa ta' l-intimati;

Jidher għalhekk li ċ-ċirkostanzi taż-żewġ partiti, meta wieħed jiġi biex jipparagunahom ma' xulxin biex jara kienx hemm diskriminazzjoni, kienu, kif qegħdin isostnu l-appellanti, l-istess. In fatti t-tnejn kellhom reklamar fuq il-każini rispettivi tagħhom in kontravvenzjoni ma' l-Ordinanza ta' l-Estetika tal-Bini, bid-differenza li parti kienet qegħda tiġi tollerata u l-oħra le. L-allegazzjoni tad-diskriminazzjoni da parti tar-rikorrenti tikkonsisti f'din. Dwar l-''*Equality of treatment*'' il-Jacobs jgħid li ''*On this question the Court, following the principles which may be extracted from the legal practice of a large number of democratic states, holds that the principle of ''Equality of treatment'' is violated if the distinction has no objective and*

*reasonable justification. The existence of such a justification must be assessed in relation to the aim and effects of the measure under consideration, regard being had to the principles which normally prevail in democratic Societies". (The European Convention on Human Rights page 191);*

Issa f'dan il-każ ma jidhirx li d-distinzjoni li saret mill-appellati fit-trattament tagħhom ma' l-appellanti kellha xi "*objective and reasonable treatment*" kif semma' l-awtur ċitat fil-ktieb tiegħu fuq imsemmi. Id-differenza fit-trattament taż-żewġ partiti serviet biss, biex tavvantaġġja lill-partit l-ieħor. Jidher għalhekk kif qegħdin jissottomettu l-appellanti li l-unika differenza li kien hemm fiċ-ċirkostanzi ta' bejniethom kienet li r-reklamar in kwistjoni kien tal-partit tagħhom. Il-fatt ukoll li l-ordni "*de quo*" kienet ħarġet taħt l-artikolu 13 li ma jikkontemplax permessi, ikompli jsostni dan il-fatt;

Fl-aħħarnett l-appellanti qegħdin isostnu li, kieku wieħed kellu jieħu bħala korrett l-argument ta' l-ewwel Qorti, xorta jirriżulta li ntużat diskriminazzjoni manifesta kontra tagħhom. Il-postijiet fejn skond ir-regolamenti hemm divjet assolut tar-reklami huma, xi nħawi l-Belt, Harper Area, l-Imdina kollha u l-postijiet kollha protetti mill-*Antiquities Act (G.N. 441/32)*. Huma esibew mal-petizzjoni tagħhom tletin fotografija li juru bla ebda dubbju ta' xejn illi fil-Vittoriosa u f'xi postijiet oħra fejn ir-reklamar huwa projbit b'mod assolut, hemm fil-fatt reklamar sħiħ kemm mal-każini tal-partit oppost għalihom kif ukoll f'postijiet oħra ta' terzi non-politiċi li jidhru li tħallew nonostante l-projbizzjoni msemmija;

Mill-istess ritratti jidhru wkoll reklami u stekkati mwaħħlin

fuq postijiet anki fil-viċinanza tal-każin ta' l-appellanti, fi Pjazza Teżorerija l-Belt u f'postijiet oħra protetti mill-*Antiquities Act* fuq imsemmija. Issa skond l-artikolu 145 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili "mal-petizzjoni, mat-tweġiba u mar-replika għandhom jinġiebu d-dokumenti li jkunu jsaħħu t-talbiet tal-wieħed u tal-ieħor". Kwindi l-Qorti setgħet faċilment tieħu konjizzjoni tad-dokumenti kollha li ġew esebiti mir-rikorrenti. Jidher għalhekk li anki dak l-ilment ta' l-appellant għandu jiġi milqugħ;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi prevja li tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fil-15 ta' Frar, 1982, tilqa' t-talbiet fir-rikors tar-rikorrenti appellanti fil-parti mhux ġa deċiża definittivament. L-ispejjeż taż-żewġt istanzi għandhom jiġu sopportati mill-initmati appellati.